

32002R1782

L 270/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.10.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1782/2002**tas-7 ta' Ottubru 2002**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 884/2001 li jistabbilixxi regoli ta' applikazzjoni dettaljati dwar id-dokumenti li jkunu qed jakkumpanjaw it-trasport ta' l-inbid, kif ukoll dwar ir-records li għandhom jinżammu fis-settur ta' l-inbid

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 2585/2001 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 70 ⁽³⁾ tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 884/2001 ⁽³⁾ jistabbilixxi regoli ta' applikazzjoni dettaljati dwar id-dokumenti li jkunu qed jakkumpanjaw vettura li tkun qed iġġorr prodotti ta' l-inbid.
- (2) L-Artikolu 18(1) ta' dak ir-Regolament jippermetti li l-Istati Membri jintroduċu regoli speċifiċi addizzjonali għall-prodotti li jkunu qed jiġu trasportati fit-territorju tagħhom.
- (3) L-Artikolu 18(1)(d) jistipula li għal perjodu ta' transizzjoni li jiskadi fil-31 ta' Lulju 2002, minflok id-dettalji tad-densità ta' l-għenba jrid jibda jkun hemm dettalji tad-densità espressa mill-qawwa ta' l-alkoħol fi gradi Oechsle.
- (4) Din l-unità hija użata tradizzjonalment mill-produtturi u l-operaturi fis-settur ta' l-inbid f'uħud mill-Istati Membri bil-għan li jiġi segwit il-proċess ta' l-għasir. Din

tissostitwixxi d-dettalji tad-densità ta' l-għenba, fid-dokument li jkun qed jinġarr mal-konsenja tal-prodotti ta' l-inbid fit-territorju ta' l-Istati Membri.

- (5) Fl-isfond tal-problemi tekniċi li ltaqgħu magħhom produtturi żgħar biex jaġġustaw ruħhom għal dan il-kejl ġdid, id-deroga trid tiġi estiża biex billi l-Istati Membri konċernati jitħallew jesprimu d-densità tal-most ta' l-għeneb fi gradi Oechsle fid-dokumenti konċernati li jkunu qed jakkumpanjaw il-most tal-għeneb li jkun qed jiġi trasportat fit-territorju tagħhom mingħajr ma jgħaddi mit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż ieħor.
- (6) Il-miżura stabbilita f'dan ir-Regolament taqbel ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni għall-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Fl-Artiklu 18(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 884/2001, id-data "31 ta' Lulju 2002" tinbidel għal "31 ta' Lulju 2010".

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Japplika mill-1 ta' Awwissu 2002.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Ottubru 2002.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 345, tad-29.12.2001, p. 10.

⁽³⁾ ĠU L 128, ta' l-10.5.2001, p. 32.